VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

**22 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**
Alfred Zammit- Vici Sindku

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 24.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.0.1 Alfred Zammit Skużat

## 24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 24 kienu ikkonfermati

## 24.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay preżenta mozzjoni biex l-ispazju miftuħ fid-daħla ta' triq san Mark jisemma *spazju Rikreattiv Giovanna Attard k/a Giannora.*

24.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li l-pedestal ta' Pawlu curmi il pampalun ser jigi mhallas minn festivals Malta.

24.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li l-kunsill Lokali tal-Belt ingħata it-titlu *Ambasciatori del Sorriso*

24.2.4 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li s-sejħa għal-offerti għal fanali dekorattivi fiż-żona residenzjali inħarġet u tagħlaq nhar it-13 ta' Frar 2026.

24.2.5 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li ġie mistieden għal-laqgħa (Frar 2026) *15th annual direct dialogue between eu captial city mayors and the european commission.*

24.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay preżenta request ta' twinning mill-Lubjana pero din ma ġietx aċċettata minħabba li l-kunsill lokali għandu tnejn oħra pendenti.

24.2.7 Is-Sindku Olaf Mckay rċieva stediena minn Portsmouth biex jattendi *Mayor Making Cerimony* - Mejju 2026.

24.2.8 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li kellhu laqgħa ta' kortessija mill-ambaxxatur tal-Azerbaijan, l-ambaxxatur wera ix-xewqa li fis-sena 2026 issiru attivitajiet minn artisti mill-Azerbaijan ġewwa l-Belt Valletta.

24.2.9 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li l-bye law tad-dimenzjonijiet tal-vetturi qed tiġi proċessata.

24.2.10 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-ittra li kienet ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti fil-bidu tas-sena l-oħra se titqassam u ser tittieħed azzjoni, l-irwol tal-kunsill se jkun biss li titqassam l-ittra lil ħwienet ġewwa l-Belt Valletta.

## 24.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.3.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa diversi mistoqsijiet:
Email Raymond Azzopardi u Risposti Olaf McKay:

*Filwaqt li nilqa' l-informazzjoni moghtija, nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet sabiex jinghataw twegiba fil-Laqgha tal-Kunsill li jmiss:*

*Il-kumpanija involuta ser tibqa' l-istess?* Olaf Mckay: *Le, l-kuntratt spicca*

a) *Jekk iva ser jibqa' fis-seħħ l-istess CSR li kien ġie stabbilit fis-snin preċedenti?*
b) *Jekk le, liema hi l-kumpanija l-ġdida u sar xi kuntratt magħha?* Olaf Mckay: *Ma sar l-ebda kuntratt*

Olaf Mckay: *Risposta ghal-mistoqsijiet li gejjien hija li ma sarx u ma gie ffirmat l ebda kuntratt*

*U jekk sar kuntratt,*

a) *Dan diġa ġie ffirmat?*

b) *Jekk għadu ma ġiex ffirmat, ikun possibbli li qabel l-iffirmar, il-membri tal-kunsill jiltaqqghu flimkien sabiex jeżaminawh, jiddiskutuh u japprovaw l-kontenut tiegħu?*

c) *F'każ li l-kuntratt ġie ffirmat, is-Segretarju Eżekuttiv kien infurmat bih?*

*Min huma jew kienu n-negozjaturi involuti f'dawn it-taħdidiet?*

*Liema kienu l-punti ewlenin li ġew jew qed jiġu innegozjati mill-ġdid? Intghalbet xi direzzjoni mid DLG sabiex jiġi żgurat li l-proċess kollu qed isir b'konformita mal-liġijiet u l-parametri applikabbli?*

*Olaf Mckay:Ninfurmak li ghaddej b'tahdidiet ma Motors Inc. Ghal ghajnuna komunitarja. Ghalkemm ma kienx hemm il-htiega, id-DLG kienu nfurmati ukoll.*

*Mistoqsija supplimentari qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss:*
*F'każ li jeżisti kuntratt, huwa possibbli li l-membri tal-kunsill jinghataq kopja tiegħu qabel il-laqgħa li jmiss?* Olaf Mckay: *Ma hemm l ebda kuntratt*

*Dawn huma mistoqsijiet validi li minnhu fih jehtiegu twegiba cara u trasparenti.*
Olaf Mckay: *Ninfurmak li kollox huwa trasparenti, hekk se jkun u l-kunsill se jkun infurmat.*
*Nahseb li tinghaqad mieghi fil-hsieb li ngibu l-ewwel l-interess u qabel kollox tar-residenti u l-komunita, f'dak kollu li naghmlu.*

## 24.4 Rapporti

NIL

## 24.5 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

24.5.1 Il-kunsillier Raymond Azzopardi staqsa jekk tistax issir rampa fejn l-istage tal qanpiena biex ikun iktar accessibli ghal persuna li ghandhom problema bil mobilta. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.2 Il-kunsillier Raymond Azzopardi preżenta komunikazzjoni biex ifakkar dwar id-deċizjoni li kienet ittieħdet f'kunsill preċedenti dwar l-ispazju miftuħ san Duminku. Huwa fakkar li din il-pjazza li issa ġiet

approvata mill-awtorita tal-ippjanar għandha tieħu kull prijorita biex issir kif ukoll issir applikazzjoni minufih għal fondi tal-Planning Authority Development Fund. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.3 Il-Kunsillier Daniel Diacono preżenta mozzjoni li kienet issekondata mill-kunsillier Raymond Azzopardi, fejn propona biex il-fond ta' mitt elf euro li jingħata lil kunsill minħabba li hi Belt Kapitali tiġi użata għal proġett tal-komunita. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.4 Il-Kunsillier Daniel Diacono għadha suġġeriment biex fil-kummitat sportiv jiżdied l-ex Minority Leader Christian Micallef kif ukoll Alfred Fenech. Huwa ghadha dan is-suġġeriment lic-chair person tal-bord Roberta Bonello. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.5 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet x'qed issir dwar jum il-lokalita, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed titkellem iktar il-quddiem f'din il-laqgħa dwar dak li ser issir. Il-Kunsill Kollu qabel dwar dan.

24.5.6 Il- Minority Leader Ylenia Montfort tkelmet dwar id-dekasteru tagħha dak tat-tfal, hija fakret dwar l-attivitatijiet li taghmel matul is sena u li issa ser ikun hemm l-ewwel wiehed ma tfal tal-iskola bi zjara fl-imhazen tal-karnival kif ukoll li tqassam tifkira mat tfal dwar il festa ta san Pawl. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.7 Il-Minority Leader Ylenia Montfort tkelmet dwar is-servizz tal-*homework club* li qed jingħata mill-kunsill li għandu bżonn revamp u għalhekk issuġġerit li mis-sajf li ġej l-impjegata Sachen Zammit li hija wkoll studenta tal-Universita ta' Malta u qed tistudja fis-settur tal-edukazzjoni tagħti revision classes għas-sajf 2026. Il-Kunsill Kollu qabel dwar dan.

2
4.5.8 Il-Kunsillier Vince Fabri fakkar fir-recovery room tal-qtates li tkellem dwara fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed torganizza taħriġ għall-impjegati tal-kunsill ta' skala bejn bejn 15 u 16, biex ikunu jistgħu anke joħorġu sejħiet interni biex itejbu l-livell ta' grad tal-impjieg. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

24.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-sindku għaddiehla dokumenti tal-*Interreg Sustainable Tourism Call.*

24.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li issa li l-BOQ's ta' l-ispazju miftuħ fi triq San Mark huma finalizzati, ser tkun qed tagħmel applikazzjonijiet għal Planning Development Fund biex dan il-proġett jiġi ffinanzjat flimkien mal-bankina l-ġdida ghan nizla ta marsamxett.

24.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tkun qed tlaqqgħa l-kummitat għal festiġjamenti tal-450 sena tal-fondazzjoni tal-Belt Valletta, u fakret li dan huwa magħmul minn Daniel Diacono, Vince Fabri, Jurgen Briffa, Vincent Zammit u hi bħala Segretarju.

24.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tipreżenta lid-dipartiment tal-gvern lokali l-applikazzjoni għal-fond ta' aġġustament 2026. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

## 24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.8.1 Diċembru 2025

**Il-Kunsill aġġorna għal- ta' 19 ta' Frar 2026 17.00hrs**

**IFFIRMATA**

Olaf McKay
Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv